

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2019 — Cognac Ferrand vs EUIPO (Forma ta' trizza fuq flixxun)

(Kawża T-172/19)

(2019/C 182/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Cognac Ferrand (Pariġi, Franza) (rappreżentant: D. Régnier, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea (Forma ta' trizza fuq flixxun) — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 387 564*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Jannar 2019 fil-Każ R 1640/2018-2**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2019 — Kalai vs Il-Kunsill

(Kawża T-178/19)

(2019/C 182/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Nader Kalai (Halifax, il-Kanada) (rappreżentant: G. Karouni, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenz jitleb li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenz:
- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/87 tal-21 ta' Jannar 2019 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;
- ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/85 tal-21 ta' Jannar 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 2000 000.00 bħala kumpens għad-danni kollha flimkien;
- tikkundanna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenz u li huwa jirriżerva d-dritt li jiġġustifika matul il-proċedura skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li skontu l-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrenz jinwoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smiġh xieraq. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenz, billi jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll fuq ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, isostni li huwa kellu jinstema' qabel ma l-Kunsill adotta l-miżuri restrittivi fil-konfront tiegħu u li konsegwentement id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenz ma ġewx irrispettati.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE. Ir-rikorrenz jikkritika lill-Kunsill li kkuntenta ruħu b'kunsiderazzjonijiet vago u ġenerali mingħajr ma semma, b'mod speċifiku u konkret, ir-raġunijiet li għalihom, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' evalwazzjoni tiegħu, qies li r-rikorrenz għandu jiġi suġġerit għall-miżuri restrittivi inkwistjoni. Għaldaqstant, ebda element konkret u oġġettiv li bih jista' jiġi kkritikat ir-rikorrenz u li jista' jiġġustifika l-miżuri inkwistjoni ma jista' invokat.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni, sa fejn, fil-motivazzjoni tiegħu insostenn tal-miżura restrittiva, il-Kunsill ibbaża ruħu fuq elementi li manifestament isofru mill-assenza ta' bażi fattwali. Għaldaqstant, il-fatti invokati huma nieqsa minn kull bażi serja.
4. Ir-raba "motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-ksur tad-drittijiet fundamentali. Fil-fatt, ir-rikorrenz iqis li l-miżura kontenzjuża għandha tiġi invalidata sa fejn hija sproporzjonata fir-rigward tal-għan indikat, u tikkostitwixxi interferenza eċċessiva fil-libertà ta' intrapriża u fid-dritt għall-proprjetà, sanċiti fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta rispettivament. L-isproporzjon jirriżulta mill-fatt li l-miżura tirrigwarda kull attività ekonomika influwenti mingħajr ebda kriterju ieħor.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà. Billi jibbaża ruħu fuq l-Artikoli 17 u 52 tal-Karta, ir-rikorrenz isostni li miżura ta' ffriżar ta' fondi inkontestabbilment iġġib magħha restrizzjoni fuq l-użu tad-dritt għall-proprjetà u li, f'dan il-każ, l-iffriżar ta' fondi riżultanti mill-attività tar-rikorrenz neċessarjament jikkawża preġudizzju sproporzjonat meta mqabbel mal-għan imfitex mill-Kunsill.